**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 27 ta' Settembru 2016**

**Rikors Numru. 119/13**

**Mark Cutajar**

**Vs**

**Transport Malta u b'digriet tas-7 ta' Frar 2014 isem l-Awtorita` intimata gie sostitwit b'Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Mark Cutajar** fil-5 ta' Gunju 2013 fejn gie premess is-segwenti:-

*"Illi permezz ta' avviz datat 16 ta' Mejju 2013, l-esponent gie avzat mill-Awtorita` intimata illi minhabba allegata rregolarita` msemmija fl-istess avviz, kopja ta' liema qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok A; huwa kien qed jigi ppenalizzat ghoxrin punt.*

*U peress illi l-esponent hass ruhu aggravat minn tali decizjoni huwa qieghed jinterponi umili appell minn tali decizjoni permezz tal-odjern rikors;*

*Illi l-aggravju huwa fis-sens illi ghandu jirrizulta minn cirkostanzi ta' natura fattwali u teknika illi n-nuqqas li kellha l-vettura in kwistjoni kienet wahda ricenti ikkawzata minn fatturi esterni u mhux per konsegwenza ta' wear and tear. Illi ghalhekk ghalkemm tali nuqqas gie nnutat fl-ispezzjoni maghmula mill-Awtorita` fil-15 ta' Mejju 2013, l-istess nuqqas ma kienx prezenti meta giet kondotta l-ispezzjoni mill-appellant fit-8 ta' Mejju 2013.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dan it-Tribunal joghgbu ghar-raguni premessi jordna r-revoka in toto tad-decizjoni mehuda mill-Awtorita` fuq citata datata 16 ta' Mejju 2013."*

Ra r-risposta ta' **l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fis-26 ta' Gunju 2013 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"Illi in linea preliminari, ai termini tal-Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta, isem l-Awtorita` intimata gjaladarba dawn il-proceduri qed jigu kondotti bil-lingwa Maltija kellu jigi ndikat bhala l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u mhux 'Transport Malta'.*

*Illi, fil-mertu, ir-rikors prezentat mir-rikorrent huwa kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt u t-talba minnu maghmula ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghalhekk timmerita li tigi kkonfermata.*

*Illi l-Awtorita` intimata f'dan il-kaz ghamlet l-indagni taghha sew, korrettement u bl-ikbar responsabbilta` - u dan kif se jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza – u mir-rizultanzi ottenuti minn tali indagini l-Awtorita` intimata pprocediet sabiex, skont kif inhu stabbilit mil-ligi, tohrog l-avviz li qed jigi attakkat mir-rikorrent u timponi s-sanzjonijiet kif previst fl-L.S. 65.15.*

*Illi mil-lat tekniku mhuwiex fattibbli dak li qed jigi allegat mir-rikorrent fir-rikors promotur tieghu illi l-bellow tqattghet bejn it-8 ta' Mejju 2013 (meta sar it-test tal-VRT) u l-15 ta' Mejju 2013 meta saret l-ispezzjoni da parti tal-ufficjali tal-Awtorita` intimata."*

Ra d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 16 ta' Mejju 2013 fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni **EAD 537** indirizzata lir-rikorrent li kienet tghid is-segwenti:-

*"Please be advised that on the 15th May 2013, Transport Malta Technical Officers carried out a post VRT inspection on the above-captioned vehicle. The VRT test was conducted by you on the 8th May 2013 and a pass test was issued (Certificate No: C2821459).*

*During the post VRT inspection, the following irregularities related to the VRT test were noted:*

- *Torn bellow of the left front drive shaft.*

*This is in breach of the conditions for testers as stipulated in regulation 14 of the Motor Vehicle (Roadworthiness Test) Regulations [S.L. 65.15] (the Regulations).*

*In view of the above, please be informed that a total of 20 points are being imposed on your entry as a tester in accordance with regulation 21 and item 29 of the Twelfth Schedule to the Regulations."*

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti,[1] ta' Michael Pace,[2] ta' Daniel Cutajar[3] u ta' Clint Mansueto;[4]

Ra l-affidavit ta' Carmel sive Lino Abela,[5] ta' Joseph Mifsud[6] u ta' Clayton Zerafa[7]. Sema' l-kontro-ezami ta' Joseph Mifsud[8] u ta' Clayton Zerafa[9];

Ra illi fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2016 il-partijiet trattaw ir-rikors;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi fl-ewwel lok it-Tribunal se jghaddi biex jitratta l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata fejn gie eccepit li ladarba dawn il-proceduri qed jigu kondotti bil-lingwa Maltija allura isem l-Awtorita` intimata kellu jigi indikat bhala "Awtorita` ghat-Trasport Malta." Din l-eccezzjoni giet sorvolata permezz ta' digriet datat 7 ta' Frar 2014 fejn it-Tribunal ordna d-debita korrezzjoni.

Illi fil-mertu **r-rikorrent** xehed illi huwa jahdem bhala *VRT tester* mill-garage bl-isem ta' Dino's Yard, Mosta Road, Lija. Jghid illi fit-8 ta' Mejju 2013 huwa kien spezzjona l-vettura in kwistjoni u xi jiem wara kienu cemplulu ufficjali tal-Awtorita` intimata fejn qalulu li kienu ghamlu *post VRT* u sabu *rubber booth* imqatta'. Jispjega li l-funzjoni ta' dan ir-*rubber booth* hija li jzomm il-*grease* milli johrog u ma jhallix hmieg jidhol fis-sistema. Wara li cemplulu kien mar sid il-vettura ghandu u huwa ra l-istess *booth* imqatta'. Jghid li meta tella' l-van fuq il-*jack* induna li kien inqabad xi xlief tas-sajd mieghu u tqatta'. Jispjega li biex wiehed seta' jara r-*rubber booth* li kien imqatta' ried itellghu fuq il-*jack* u mhux kemm jinzel ghal irkupptejh u jhares lejh. Jistqarr illi meta l-vettura kienet ghaddiet mill-VRT dan il-*booth* kien tajjeb. Wara li ra x-xlief huwa qala' l-istess xlief minn fejn kien u kien hadilhom xi ritratti. Kien jidher li l-hsara saret ricentement ghaliex kien ghadu mimli *grease*.

In kontro-ezami ir-rikorrent jistqarr illi *bellow* ma jistghax jitqatta' bil-huxlief u jghid li l-*bellow* in kwistjoni ma jafx biex tqatta'.

---

[1] A fol. 21 sa 25 u a fol. 72 sa 76
[2] A fol. 30 sa 34, a fol. 52 sa 58 u a fol. 95 sa 97
[3] A fol. 39 sa 45
[4] A fol. 129 sa 130
[5] A fol. 62
[6] A fol. 65 u 66
[7] A fol. 68
[8] A fol. 84 sa 89
[9] A fol. 77 sa 89

**Michael Pace**, sid il-vettura in kwistjoni, xehed illi meta mar ghand ir-rikorrent biex jaghmel it-test il-vettura sarilha test normali u kienet anke ttellghet fuq il-*jack*. Dakinhar il-vettura ghaddiet mit-test u xi gimgha wara ircieva ittra biex jiehu l-vettura l-Furjana biex isirilha test mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata fejn kien hemm Lino Abela u qallu li ghandu lakstuwa maqsuma. Jghid li meta rega' mar fil-garage fejn sarlu t-test u tellghu il-van fuq il-*jack* raw li l-lakstuwa kienet ghadha mimlija *grease* u li gol-istess *bellow* sabu huxliefa. Jispjega li hu hadha xi ftit bi kbira ghaliex jiehu hsiebu hafna l-van in kwisjtoni. Il-van in kwistjoni juzah biex imur l-ghalqa bih. Jghid li kieku kien jaf li l-lakstuwa kienet maqsuma kien jiehu hsiebha ghax biha maqsuma tista' ssir il-hsara.

**Daniel Cutajar** stqarr li hu jigi hu r-rikorrent u jahdem mieghu fl-istazzjoni tal-VRT u fil-kaz in ezami kien *assistant tester*. Jghid li l-vettura in kwistjoni ghaddiet mit-test normali u xi zmien wara gew infurmati mill-Awtorita` intimata li rega' kien sarilha test u sabu difett f'*bellow*. Ix-xhud spjega li din hi facli hafna li titqatta' ghax kull ma hija *cover* tal-plastik. Jghid li biex il-*bellow* taraha sew il-vettura trid tkun mghollija 'l fuq kif fil-fatt ghamlu huma fit-test in ezami. Jghid li meta sid il-vettura rega' mar biha ghandhom huma sabu xlief imdawwar mal-*bellow*. Jghid li mal-istess *bellow* kien hemm il-*grease* li kien ghadu frisk u li hsara fix-xaft ma jidhirx li kien hemm li allura jfisser li ma kinitx ilha zmien twil imqatta'.

**Carmel sive Lino Abela**, *Technical Manager* fl-Awtorita` intimata, spjega illi kull test li jsir mill-istazzjonijiet tal-VRT jidhol ghand l-Awtorita` intimata u din da parti taghha taghmel *random tests* fuq dawk il-vetturi li jkunu ghaddew mill-VRT. Jghid li hu kien gie infurmat minn Joe Mifsud u Clayton Zerafa, zewg subalterni tieghu, li wara li spezzjonaw il-vettura in kwistjoni kienu sabu *bellow* imqatta'.

**Joseph sive Joe Mifsud**, *Assistant Technical Manager* fl-Awtorita` intimata, fl-affidavit tieghu spjega illi meta saret l-ispezzjoni minnhom huma setghu jaraw il-*bellow* imqatta` meta tbaxxew u harsu lejn il-qiegh tal-vettura. Jghid li ma din il-*bellow* la kien hemm xlief u lanqas huxlief. Lanqas kien hemm *grease,* tant li kienu jidhru l-komponenti interni li suppost ikunu mghottija bl-istess *grease*. Lanqas ma kien jidher ticpis ta' *grease*. Jghid li l-materjal tal-*bellow* ma jitqattghax b'haxixa jew huxliefa u li f'dan il-kaz il-*bellow* kien jidher li kien tqatta' bl-uzu.

In kontro-ezami spjega li l-*bellow* kienet tidher car li kienet imqatta' jekk wiehed jittawwal taht il-vettura. Qal li f'dan il-kaz ma kien jidher l-ebda

oggett li seta' qatta' din il-*bellow* u li l-istess *bellow* kienet kollha *cracked* anke fejn ma kienx imqatta'. Jghid li fil-kaz tal-vettura in kwistjoni il-*bellow* ikun xi ghoxrin (20) jew tletin (30) centimetru 'il fuq mill-art. Jistqarr li l-*bellow* tar-rota l-ohra kienet tajba pero` l-*bellow* in kwistjoni kien jidher car li kien qadim u tqatta' bl-uzu.

**Clayton Zerafa**, *Technical Officer* fl-Awtorita` intimata, ikkonferma dak li qal Joseph Mifsud fl-affidavit tieghu. In kontro-ezami jghid li meta sar il-*post VRT* il-vettura ma tellghuhiex fuq *jack* ghax il-*bellow* kienet tidher imqatta' hekk kif wiehed jitbaxxa. Jistqarr li ma kienx hemm ghalfejn jispezzjonaw jekk kienx hemm xi haga mqabbda fiha. Jghid li minkejja li l-*bellow* kienet imqatta' ma kienx jidher titjir jew ticpis ta' *grease.*

Illi ghalhekk mir-riassunt tax-xhieda kollha mismugha jirrizulta illi l-pern tal-kwistjoni huwa jekk mid-data tal-VRT li sar fit-8 ta' Mejju 2013 sad-datat tal-*post VRT* li sar fil-15 ta' Mejju 2013 setghax saret xi hsara lill-*bellow* in kwistjoni tant li l-istess *bellow* ma baqghatx tajba biex isservi l-funzjoni taghha, jew inkella jekk l-istess *bellow* kinitx diga fl-istat li sabuha fih l-ufficjali tal-Awtorita` intimata meta sar il-VRT mir-rikorrent.

Illi ai termini ta' Partita 29 tat-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni 65.15 (Regolamenti Dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw Li Vetturi Bil-Mutur Huma Tajba Ghat-Triq) jekk il-persuna responsabbli mit-test tal-VRT "tinjora hsara fil-*half shaft bellows"* tigi penalizzata b'ghoxrin (20) punt ta' penali.

Illi minn harsa lejn artikolu 2.5 tal-manwal tal-VRT dan jistabilixxi illi *"a. A constant velocity joint gaiter*[10] *missing or excessively damaged, deteriorated or insecure to the extent that it would no longer prevent the ingress of dirt etc."* huwa raguni biex vettura ma tghaddix mit-test. Illi skond l-istess manwal sabiex issir spezzjoni tax-xaft tar-roti ta' quddiem il-vettura ghandha titella' fuq *jack.*[11]

Illi dan it-Tribunal japprezza illi t-teknici tal-Awtorita` intimata stqarru li l-*bellow* kienet tidher vizwalment imqatta' anke meta wiehed jitbaxxa u jhares lejha, pero` ma jistghax ma jishaqx, kif diga ghamel f'sentenzi ohra, illi jekk l-Awtorita` tistenna li l-VRT *testers* jaghmlu xogholhom skond il-manwal, daqstant iehor ghandhom it-teknici taghha jadoperaw l-istess metodi biex huma jispezzjonaw vettura. Huwa minnu li bhala fatt it-teknici hadu wkoll ritratt *a tempo vergine* tal-*bellow* in kwisjtoni, pero` dan ma jezonarahomx milli huma stess jimxu mal-procedura stabbilita fl-istess manwal.

---

[10] Aktar komunement imsejjha "bellow"

[11] Ara Dok. LA 2 a fol. 64

Illi maghmula din l-osservazzjoni, it-Tribunal issa jrid iwiezen zewg verzjonijiet dijametrikament opposti u dan ghaliex filwaqt li r-rikorrent u x-xhieda prodotti minnu qed jghidu li kien hemm huxliefa fil-*bellow*, it-teknici tal-Awtorita` intimata stqarru li ma raw l-ebda huxliefa fl-istess *bellow*.

Illi t-Tribunal fela sew ix-xhieda moghtija mir-rikorrent li ghall-ewwel stqarr li mal-*bellow* kien qabad ix-xlief tas-sajd "*xlief tas-sajd litteralment kien.*"[12] Michael Pace, sid il-vettura in kwisjtoni, ma qal xejn dwar xlief jew huxlief fl-ewwel xhieda tieghu. Kien biss meta gie riprodott mir-rikorrent illi huwa qal li dak li nstab mal-*bellow* kien huxlief. Illi mbaghad in kontro-ezami r-rikorrent mistoqsi jekk *bellow* titqattghax bil-huxlief huwa wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jindika fejn kien il-huxlief fir-ritratti li huwa stess esebixxa jghid li l-huxlief kien qieghed gewwa mal-*grease* pero` l-*bellow* ma tqattghatx bih u li ma kienx jaf biex tqattghat.

Illi mbaghad min-naha l-ohra it-Tribunal ghandu x-xhieda ta' zewg ufficjali tal-Awtorita` intimata li cahdu kategorikament li kien hemm xi huxlief fil-*bellow*. Illi sfortunatament, il-kopja tar-ritratt mehud *a tempo vergine* mill-ufficjal tal-Awtorita` intimata Clayton Zerafa u esebita a fol. 67, hija sewda u bajda u ghalhekk fuq gewwa tal-*bellow*, ghalkemm tidher car li hi maqsuma, ma tantx jidher car x'hemm fih. Pero` zgur ma jidhirx xi huxlief hiereg minn go l-istess *bellow*.

Illi dan it-Tribunal fela sewwa kemm ir-ritratti esebiti mir-rikorrenti (Dok MC2 a fol. 20) u kif ukoll ir-ritratt mehud mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata (Dok JM1 a fol. 67) li juru l-*bellow* kif instabet wara li ezaminawha l-istess ufficjali.

Illi minn dawn ir-ritratti jidher *grease* mal-parti maqsuma tal-bellow. Meta wiehed jara din il-parti u jikkomparha mal-partijiet fil-vicin immedjat jista' josserva illi l-partijiet fil-vicin immedjat huma mimlijin hmieg. Ghalhekk fil-fehma ta' dan it-Tribunal l-istess *bellow* ma kinitx ilha maqsuma xi zmien twil, ghaliex kieku kien hekk, kien johrog il-*grease* kollu u l-parti fejn hemm il-qasma kienet tigbor ukoll certu ammont ta' hmieg bhal ma hemm fuq il-kumplament tal-qiegh tal-vettura.

Illi dan it-Tribunal jishaq illi *post VRT* ghandu jsir immedjatament malli l-vettura tohrog mill-*VRT station* u dan sabiex ma jkunx hemm lok ta' allegazzjonijiet li l-hsarat riskontrati mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata

[12] A fol. 23

setghu saru nel frattemp. It-Tribunal jirrileva illi meta *tester* jew persuna li jkollha licenzja biex topera *VRT station* tehel ammont determinat ta' penali hija tigi skwalifikata milli tkompli topera. Ghalhekk l-imposizzjoni tal-punti penali trid tittiehed b'serjeta` massima u l-Awtorita` intimata, fit-twettiq tal-poteri taghha, trid tara li tezercita dawk il-poteri b'tali mod li jkun hemm certezza li dak li jirrizultalha ikun imputabbli unikament lil min tkun se tippenalizza.

Fil-kaz odjern il-*VRT* sar fit-8 ta' Mejju 2013 u l-*post VRT* sar fil-15 ta' Mejju 2013. F'dak it-trapass ta' sebat (7) ijiem huwa possibbli li l-*bellow* inqasmet u beda hiereg il-*grease*. Illi huwa veru li kif inqasmet il-*bellow* mhuwiex daqshekk car pero` sa certu punt huwa rrilevanti. Dak li jrid jara dan it-Tribunal huwa jekk setghax kien possibbli *o meno* li l-istess *bellow* inqasmet fi zmien sebat (7) ijiem minn meta sar il-*VRT*. Illi, a kuntrarju ta' dak sottomess mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata, ir-ritratti mehuda wara l-*post VRT* jindikaw li l-*bellow* ma kinitx ilha li nqasmet tant li kien ghad hemm il-*grease* maghha. Li kieku kienet ilha li nqasmet kienet tigi kulur il-partijiet l-ohra tal-qiegh tal-vettura, u anke, possibilment, il-vettura kienet issirlha hsara peress li seta' jidhol fiha gebel u materjal iehor mit-triq.

Illi ghaldaqstant, in vista tal-indikazzjonijiet kollha illi l-*bellow* ma kinitx ilha li nqasmet u in vista li l-*post VRT* ma sarx tempestivament izda sebat (7) ijiem wara li l-vettura giet spezzjonata mir-rikorrent, dan it-Tribunal ihoss li d-decizjoni tal-Awtorita` intimata kienet wahda zbaljata u ghaldaqstant timmerita li tigi revokata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijet hawn fuq esposti qieghed jilqa' l-appell imressaq mir-rikorrent u jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 16 ta' Mejju 2013.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**